Ref Nru 2

Il-minuti tat-tieni laqgha tas-seba` leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala li nzammet nhar it-Tnejn 11 ta' Mejju 2015, fis-6:30 ta' filghaxija fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Jesmond Borg<br>Karl Buttigieg |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

Skuzati:

| | |
|---|---|
| Kunsillier: | Paul Buttigieg |
| Ambaxxatur: | Christoph Caruana |

**1 Talba**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tal-ewwel laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti tal-ewwel laqgha tqassmu qabel, dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 Responsabilitajiet tal-Kunsillieri.**

3.1 Giet mqassma lill-membri kollha lista bir-responsabilitajiet tas-Sindku, l-Vici Sindku u l-Kunsillieri. Is-Sindku Clint Camilleri qara u ta spejgazzjoni ta' din il-lista. Il-Vici Sindku semma li t-tabelli u sinjali tat-toroq ahjar ikunu f'idejn is-Sindku. Sar dan it-tibdil zghir u l-Kunsill qabel mal-bqija tal-lista. Kopja ta' din il-lista giet annessa ma dawn il-minuti.

**4 EAFRD – mizura 125.**

4.1 Is-Sindku semma li sar parti mix-xoghol ta' *resurfacing* ta' parti minn Triq Wied Simar bil-konkos, li huwa progett tal-EAFRD taht il-mizura 125. Huwa semma li l-parti ta' fejn ta' Joseph Muscat li ghandu l-*horse riding* ma saritx peress li huwa talab sabiex jigi mghoddi s-

servizz tal-ilma. Ghalhekk x'hin jigi mghoddi dan is-servizz, ghas-spejjes tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-ilma, ser jitkompla x-xoghol bil-konkos ta' din il-parti li hija koperta minn din il-mizura. Is-Sindku semma li x-xoghol kellu jinghata bidu ghalih peress li l-progett irid ikun lest fiz-zmien stipulat. Il-Vici Sindku semma li ghandha tintbghat ittra lis-sid tal-barriera tal-blat tal-qawwi dwar il-kundizzjoni li huwa ghandu fil-permess dwar Lm2,000 fis-sena li jrid jaghti lill-Kunsill ghal manutenzjoni ta' toroq. Huwa semma li dan ix-xoghol ta' manutenzjoni ghandu jsir x'hin ikun qed isir ix-xoghol ta' *resurfacing* fi Triq Wied Simar halli it-triq tinghalaq darba biss.

4.2 Is-Sindku semma li t-Trasport Malta ghandhom xi fondi minn din l-istess mizura ta' xi applikazzjonijiet li kienu ssottomettaw xi Kunsilli u li b'dawn il-fondi ser isiru zewg toroq fil-Qala u Triq ohra fix-Xaghra, Huwa semma li fil-Qala ser isir Triq Kalati Punici u parti minn Triq il-Barbagann.

## 5 EAFRD – mizura 313.

5.1 Is-Sindku semma li baqa ftit xoghol x'jsir fil-gnien ta' rikreazzjoni fi Triq l-Imgarr. Huwa semma wkoll li baqa xi xogholijiet fi Pjazza San Guzepp u li l-Muzew Folkloristiku huwa lest.

## 6 EAFRD – mizura 413.4.

6.1 Is-Sindku semma li peress li l-offerta li giet sottomessa ghat-tisbih tal-Gnien tal-Belvedere fi Triq iz-Zewwieqa, Qala, kienet ferm gholja, gie kkonsultat il-Perit sabiex jirrevedi l-*bill of quantities*. Huwa semma li ser jitnaqqsu xi *items* minn din l-istess BOQ u li ser tinqasam fit-tnejn sabiex il-kostruzzjoni jkun ghalih u ghamara ta' barra jkun ghalih. Imbaghad tinhareg sejha ghall-offerta ohra.

## 7 Programm ghal Jum il-Qala 2015.

7.1 Is-Sindku ta spejgazzjoni tal-programm ghal Jum il-Qala 2015 li jikkonsisti f'li gej:

- Quddiesa ta' ringrazzjament – Is-Sibt 30 ta' Mejju 2015.
- Laqgha tal-lokalita` ghar-residenti Qalin. – It-Tnejn 1 ta' Gunju 2015 fis-7:00pm.
- Laqgha mar-residenti barranin – It-Tlieta 2 ta' Gunju 2015 fis-7:00pm.
- Harga ghal Malta - l-Erbgha 3 ta' Gunju 2015.
- Laqgha mal-istudenti tal-Iskola Primarja Qala – Il-Hamis 4 ta' Gunju 2015.

## 8 L-attivita` *Hondoq By Night* 2015 – ir-raba` edizzjoni.

8.1 Is-Sindku ta spejgazzjoni ta' l-attivita *Hondoq by Night* li ser isir fil-bidu ta' Lulju 2015. Huwa semma li din l-attivita` ser tigi organizzatha bhas-soltu mill-Ghaqda Briju San Guzepp u li ser terga tkun mistiedna l-kantanta Ira Losco bil-*band* taghha. Il-Vici Sindku semma li ghandu jitqabbad il-kuntrattur li qed jaghmel ix-xoghol tal-*pipeline* tal-ilma sabiex jiknis Triq Hondoq ir-Rummien kif ukoll it-toroq l-ohra fejn qed isir dan ix-xoghol.

## 9 Korrispondenza.

9.1 Ittra mibghuta minn Ing. J Bajada fejn talab lill-Kunsill sabiex johrog offerta ghal gbir tal-iskart goff peress li s-Sezzjoni tal-Indafa Pubblika ma tistax tibqa` taghti dan is-servizz.

9.2 Ittra mibghuta minn Pauline Bailey fejn talbu n-*no objection* tal-Kunsill ghal tip ta' *sports* b*'air ballon* fil-bahar, f'Hondoq ir-Rummien. Il-Kunsill ma qabilx ma dan.

9.3 Ittra mibghuta mic-*Chairman* Mario Azzopardi Bord ta' Evalwazzjoni ta' Progetti Kapitali tal-Kunsilli Lokali, fejn il-Kunsill gie informat li l-progett kapitali mressaq mill-Kunsill ma giex maghzul.

9.4 Giet trattata *memo* 4/2015 mibghuta mid-Direttur Carmel Abela tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, dwar Kumitat tal-Finanzi.

9.5 Ittra mibghuta mid-Direttur Carmel Abela tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar l-iskema dwar inizjattivi ta' attivitajiet kulturali 2014-2015 Memo 27/2014, fejn gie informat li ser jinghata €2,000 ghal *Qala International Folk Festival* 2015. Il-Kunsill iddiskuta li kull sena dawn il-fondi qed jitnaqqsu u li l-QIFF jinvolvi spejjes kbar.

9.6 Ittra mibghuta minn Tanya Mercieca *Asst. Auditor General* minn *National Audit Office* fejn anness ma din l-ittra ntbghat kopja ta' l-*audit report* u l-*financial statements* kif ukoll il-*management letter* ghas-sena finanzjarja li ghalqet fit-31 ta' Dicembru 2014.

Giet diskussa xi materja ohra:

Gie trattat ir-rapport u l-*financial statements* ghas-sena finanzjarja Jannar – Dicembru 2014 revedut li gew ippreparati mill-Kunsill. Il-Kunsill unanimament approva dan ir-rapport u l-*financial statements.*

Is-Sindku semma li s-sid tal-barriera tal-blat tal-qawwi li suppost qed jghaddi minn Triq Andar ix-Xaghari, qed jerga jghaddi minn Triq il-Wileg peress li kien qed isir x-xoghol ta' *resurfacing* f'parti minn Triq Wied Simar. Huwa semma li l-Vici Sindku qed jiehu hsieb it-tabelli li ser jsiru sabiex jaghtu indikazzjoni lis-sid tal-barriera tal-blat tal-qawwi dwar r-rotta li jrid juza. Il-Vici Sindku semma li huwa iltaqgha mal-Perit dwar din il-materji u li l-Perit kellu jaghmel pjanta. Is-Sindku semma li huwa ircieva l-pjanta. Giet studjatha din il-pjanta u gie deciz li ghandha tizdied tabella ohra. Il-Vici Sindku semma li qabel l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali t-trukkijiet kienu qed jghaddu kif suppost u issa mhumiex. Is-Sindku semma li dan kien qed isir habba parti minn Triq Wied Simar li saret bir-*resurfacing*. Il-Vici Sindku ssuggerixxa li ghandu jitqabbad gwardjan lokali. Is-Sindku qal li ser jitqabbad gwardjan lokali.

Is-Sindku semma li fit-2006 il-Kunsill kien hareg diversi permessi ghat-trukkijiet kbar sabiex ikunu jistghu jghaddu kontra l-*one way* peress li ma jistghux iduru fil-kantuniera ta' Triq Santa Marija tal-Qala. Huwa semma li dawn it-tip ta' permessi issa ser jinhargu mit-Trasport Malta. Giet trattata talba minghand Peter Paul Said fejn talab permess ta' dan it-tip ghal trukk kbir bit-*trailer*.

Il-Kunsillier Jesmond Borg semma li l-*website* tal-Kunsill mhiex qedha tkun *updated* u li ghandu jigi kkuntatjat lil min qed jiehu hsieb il-*website* dwar dan. Huwa semma li l-librerija pubblika ghandha bzonn aktar xkaffar. Huwa semma wkoll li l-ambaxxatur lokali taz-zghazagh ghalaq it-tmintax –il sena u ghalhekk ghandha tintghazel persuna ohra.

Is-Sindku semma li l-Kunsill kien ircieva zewg kontijiet minghand il-Perit Steve Scicluna dwar servizzi professjonali ghall-progett ta' tisbih tal-Gnien tal-Belvedere, fi Triq iz-Zewwieqa li jammontaw ghal €1,150 kull wiehed. Huwa semma l-kontijiet gew gholjin ferm komparat max-xoghol li kien mitlub. Huwa semma li li kont minnhom kien thallas u li ghad-baqa kont iehor. Gie diskuss li dan il-kont ghandu jithallas izda ghandu jigi mnizzel mill-Perit li huwa l-*final payment.*

Gew trattati zewg kontijiet minghand il-Perit William Lewis dwar servizzi professjonali ghall-progett ta' tisbih tal-Gnien tal-Belvedere, fi Triq iz-Zewwieqa. Dan il-Perit kien gie mqabbad minflok il-Perit Steve Sciciluna. Il-kontijiet jammontaw ghal €1,121 u €1,062. Gie deciz li dawn il-kontijiet ghandhom jithallsu.

Gie trattat kont tal-Perit Edward Scerri li jammonta ghal €3,676.58 ghal servizzi professjonali ghal progett ta' tisbih ta' Pjazza San Guzepp li sar permezz tal-fondi EAFRD mizura 313. Gie diskuss li dan il-Perit ser jithallas minn dawn il-fondi u li jista` jkun li dan il-kont li bghat huwa doppju. Is-Sindku semma li ser jigi kkuntatjat il-Perit dwar dan.

Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mit-3 ta' Marzu 2015 sal-11 ta' Mejju 2015 minn referenza numru 54/15 sa referenza numru 123/15 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 12/15 sa referenza numru 32/15 (registru tal-ilmenti xoghlijiet).

Il-laqgha ntemmet fit-8:30 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |